Din is-sena, waqt il-Jum Missjunarju li se jiġi ċċelebrat nhar it-22 t'Ottubru, għin lil Missio Malta sabiex ikompli jgħin lil nies bħal Karen jgħixu ħajja aħjar.

## Modi kif tista' tgħin

- Ċekk indirizzat lil **Missio Malta**
(7, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta VLT 1171.)
*Infakkrukom li ma jistgħux jintbagħtu ċekkijiet t'inqas minn €21.*

- Bank Transfer
*Klijenti ta' banek oħra jistgħu jagħmlu 'Bank Transfer' għal dawn il-kontijiet bankarji. Min jagħmel donazzjoni f'dan il-kont jibgħatilna nota dwar l-ammont u meta sar id-depożitu sabiex tintbagħat irċevuta.*

APS bank

Account holder name: **Missio Malta**
Bank's name: **APS BANK**
Account No: **41474120039**
IBAN: **MT94APSB77013000000041474120039**
Swift Code: **APSBMTMT**

BOV Bank of Valletta

Account holder name: **Missio Malta**
Bank's name: **Bank of Valletta**
Account No: **50011468005**
IBAN: **MT31VALL22013000000050011468005**
Swift Code: **VALLMTMT**

- Jew għal donazzjonijiet 'direct debit' ċempel: **2123 6962**.

BOV mobile

- Donazzjoni bil-BOV Mobile **77236962**

PayPal

Parti min-netwerk globali tal-Opri Missjunarji Pontifiċji



Naturalment, l-iktar li jbatu f'dan l-isptar fit-Tanżanija huma l-aktar vulnerabbli, bħat-tfal, l-anzjani u n-nisa tqal. It-tobba bħal Dott. Brighton, jafu li dawn mhux prattiċi mediċi tajbin, iżda jafu wkoll li ma jistgħux jagħmlu aħjar.

Missio Malta jemmen li hemm mod aħjar kif l-eluf ta' pazjenti li jżuru l-isptar fit-Tanżanija jkunu moqdija. Inti tista' tgħin sabiex it-tobba ta' dan l-isptar ma jkollhomx għalfejn jagħżlu lil min se jsalvaw bil-kura tagħhom.

Ingħaqad magħna fil-Jum Missjunarju nhar il-Ħadd 22 t'Ottubru u agħti s-sostenn tiegħek lil Missio Malta.

- Permezz ta' linja tat-telefon:

| |
|---|
| **5180 2026 - €25** |
| **5190 2051 - €50** |
| **5130 2034 - €100** |

Skenja għall-websajt

- Permezz ta' SMS:

**5061 9247 - €11.65**


missio
Jien. Int. Aħna. **Flimkien.**
(VO/1178)

**Missio - [Uffiċċju Missjunarju],**
Nru. 7, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta VLT 1171.
Ħinijiet: mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 9.00am - 1.00pm

Missio: Nru. 150, Triq Lorenzo Gafà, il-Mosta MST 4128.
Ħinijiet: mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 8.00am - 4.00pm
Tel: 2123 6962 • Fax: 21231272
Imejl: info@missio.org.mt • Websajt: www.missio.org.mt

Uffiċċju Missjunarju, Nru. 7, Triq l-Imgħallem, ir-Rabat, Għawdex VCT 9066.
Tel: 2155 0267 • Imejl: gozo@missio.org.mt
Ħinijiet: mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 8.30am - 12.00pm


**Jum Dinji Missjunarju**
22 ta' Ottubru 2023

# Qlub Imkebbsa
# SAQAJN MEXJIN

(Lq. 24:13-35)



## Karen Qed Tistenna l-Għajnuna Tiegħek!

Din it-tfajla ta' 23 sena xejn m'għandha tqala faċli, b'hekk għandha bżonn l-attenzjoni medika, kważi l-ħin kollu. Sfortunatament, fit-Tanżanija, fejn tgħix it-tfajla, huwa lussu ta' barra minn hawn li jkollok attenzjoni medika. Missio Malta qed jaħdem mill-qrib biex jgħin lil Karen u eluf ta' persuni oħra fit-Tanżanija sabiex jingħataw il-kura medika meħtieġa.


missio
Jien. Int. Aħna. **Flimkien.**
(VO/1178)



Qlub Imkebbsa

# SAQAJN MEXJIN

(Lq. 24:13-35)



Kemm nifirħu meta nsiru nafu li xi persuna qrib tagħna qed tistenna tarbija!

It-tfal iġibu ferħ kbir magħhom, madanakollu Karen, tfajla ta' 23 sena mit-Tanżanija qiegħda tbati ħafna għalxejn, peress li l-eqreb sptar minn fejn toqgħod hi, m'huwiex attrezzat biżżejjed, la mit-tobba u wisq anqas mit-tagħmir mediku.

Dan l-isptar b'erbat ikmamar kollox, jaħdmu fih biss żewġ tobba li jagħmlu l-almu tagħhom biex jaqdu l-bżonnijiet mediċi t'eluf ta' persuni minn żona enormi. Bla infermiera u anqas ambulanza, is-sena li għaddiet dan l-isptar qeda 1,142 pażjent. L-isptar jinsab fi stat pjuttost ħażin, għax minn kemm ilu jopera sa mis-snin tmenin, qatt ma kien hemm flus biżżejjed biex issir rinnovazzjoni peress li l-prijorità dejjem kienet li jsalvaw il-ħajjiet.

Dott. Brighton huwa wieħed miż-żewġ tobba li jaqsmu l-granet bejniethom; 12-il siegħa kull wieħed kuljum. Id-deċiżjonijiet li jkollu jieħu, għax ma jkunx jista' jagħmel mod ieħor, huma tat-tkexkix. In-nuqqasijiet f'dan l-isptar huma kbar u serji. Pereżempju, ingwanti m'hemmx, u l-għodda hija primittiva u limitata, is-sodod imsewwijin ta' kafkaf, is-saqqijiet magħmulin minn biċċiet tal-fowm u t-twieqi ma jingħalqux sewwa; lista li ma tispiċċa qatt. Dan biex ma nsemmux in-nuqqas ta' tagħmir mediku modern, bħal sempliċi magna tal-'ultrasound'.





*"Dan l-isptar jilqa' fih kull tip ta' pażjenti, b'kull xorta ta' mard, fosthom il-malarja, l-ażma, il-pulmonite, it-tifojde u d-dijarea."*
**Sor Grace**





*"Darba waqt li kont qed nassisti mara li kienet qiegħda twelled, ġiet tfajla oħra għall-kura. Sakemm kienet qed tistenna li jmiss lilha, din laħqet mietet fuq is-siġġu!"*
**Dott. Brighton**

missio
Jien. Int. Aħna. Flimkien.
(VO/1178)